## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**Avv. Juliana Scerri Ferrante**

### Seduta tat-Tnejn, 9 ta' Diċembru 2019

### Talba Numru 143/2019SFJ

***Vodafone Malta Limited (C10865)***
***vs.***
***Zidane Rizzo (153598M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet li dan l-istess Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess soċjetà attriċi s-somma ta' elf u mija u tnejn u tmenin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,182.59) rappreżentanti servizzi ta' telefonija ċellulari reżi lill-konvenut fuq talba u għall-benefiċċju tiegħu stess, liema servizzi huma deskritti fil-kont numru 1.11021742 kif jirriżulta mill-fattura relattiva (fol. 2 tal-proċess). Is-soċjetà attriċi ippreżentat ukoll affidavit tal-Avv. Jeremy Debono (fol. 3) li permezz tiegħu ġie ikkonfermat li l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-konvenut ġie innotifikat bil-proċedura tal-affissjoni kif jirriżulta minn diversi riferti datati 23 ta' Ottubru 2019 (fol. 13).

Ra li fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2019 deher il-konvenut mingħajr assistenza legali u xehed.

Sema' x-xhud, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għad-9 ta' Diċembru 2019.

**<u>Provi ippreżentati u konsiderazzjonijiet ta' dan it-Tribunal</u>**

Il-konvenut xehed fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2019 u ammetta li kien debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal osserva li oltre l-ammissjoni tal-konvenut, hemm ukoll l-affidavit tal-Avv. Jeremy Debono u d-dokumentazzjoni ippreżentata in sostenn tal-Avviż tat-Talba, liema dokumenti, meħudin fl-assjem tagħhom, jikkonfermaw li l-konvenut kien ibbenefika minn servizzi ta' telefonija ċellulari reżi lilu mis-soċjetà attriċi.

It-Tribunal ma jarax li hemm lok għal dubji fis-sens li l-konvenut qatt ma qal, per eżempju, li huwa ma kienx irċieva tali servizzi jew jekk irċevihom, ma kinux reżi lilu mis-soċjetà attriċi imma minn xi soċjetà kummercjali oħra.

Fid-dawl tas-suespost, għalhekk, it-Tribunal ma jsib ebda raġuni li għaliha għandu jiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u b'hekk jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf u mija u tnejn u tmenin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,182.59) bl-imgħax fl-ogħla rata permessa mill-liġi, liema imgħax għandu jiddekorri mid-data tal-ħruġ tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**